# PSIEPES, DIŻŻIJIET, U BILBLUNI

*minn Charles Gauci*

Il-psiepes, id-diżżijiet, u l-bilbluni huma għasafar li jħobbu jgħixu f'postijiet fil-beraħ u ġeneralment jevitaw is-siġar. Dawn l-agħsafar kollha għandhom lewn kannella bl-istrixxi. Il-biċċa l-kbira minnhom għandhom ir-rix tal-ġnub tad-denb bojod. Fis-saqajn id-dwiefer ta' wara huma twal. L-irġiel u n-nisa għandhom l-istess kuluri u ma jintgħarfux minn xulxin. Waqt il-passa kif ukoll fix-xitwa jħobbu jinġabru fi qtajja. Fuq il-lista ta' l-agħsafar ta' Malta nsibu seba' speċi ta' dawn l-agħsafar. Għandna l-Bilblun Prim (**Richard's Pipit**) lu huwa rari, il-Bilblun (**Tawny Pipit**) li spiss



*Bilblun*

narawh fi żmien il-passa, id-Diżż tal-Lvant (**Olive-backed Pipit**) li deher darba biss, id-Diżż (**Tree Pipit**) li huwa komuni ħafna fi żmien il-passa, il-Pespus (**Meadow Pipit**) li huwa l-iżjed wieħed komuni u li jkun magħna matul ix-xitwa kollha, id-Diżż l-Aħmar (**Red-throated Pipit**) li ħarawh ukoll fi żmien il-passa, u d-Diżż ta' l-Ilma (**Water/Rock Pipit**) li hu rari fil-ħarifa u fix-xitwa. Il-psiepes u d-diżżijiet kollha jixxiebħu ħafna u l-aħjar mezz ta' kif wieħed jifridhom minn xulxin hu permezz ta' l-għajta. L-aħjar ħaġa li wieħed jista' jagħmel biex igħaraf dawn l-agħsafar u jitgħallem, hu li joħroġ ma' xi ħadd li diġa jkollu l-esperjenza. Nagħtu daqqa t'għajn issa lejn dawk il-psiepes, id-diżżijiet u l-bilbluni li huma l-iżjed komuni.

IL-BILBLUN għandu tul ta' 16.5cm, jiġifieri ftit akbar minn Għammiel tal-Bejt. Fis-sura huwa mislut u mhux imbaċċaċ bħal dan ta' l-aħħar. Ipassi minn fuq il-Gżejjer Maltin bejn nofs Marzu u nofs Mejju u jerġa' jidher mill-aħħar ta' Awissu sa l-aħħar ta' Ottubru. Matul il-passa ssibu l-iżjed f'raba' bla ħaxix jew b'ħaxix baxx kif ukoll fuq il-blat. Għandu lewn kannella safrani ċar bi ftit strixxi iżjed skuri fuq id-dahar. Fuq is-sider ma għandux strixxi. Għandu għajta li tixbah kemmxejn lil tal-Bilbla.



*Diżż*

ID-DIŻŻ huwa komuni ħafna iżjed mill-Bilblun u jidher fl-istess żmien. Insibuħ ukoll f'postijiet bis-siġar (mhux folti) iżda iżjed iħobb joqgħod taħthom milli fuqhom. Għandu daqs ta' 15cm, kulur kannella minn fuq u krema safrani minn taħt. Kemm fuq id-dahar kif ukoll fuq is-sider għandu strixxi iżjed skuri. L-għajta l-iżjed komuni, li minnha jieħu ismu, hija: diżż... diżż... diżż...



Pespus

IL-PESPUS jixbaħ sew lid-Diżż iżda huwa kemmxejn iżgħar u għandu d-dahar iżjed ħadrani u s-sider iżjed bajdani. Għandu għajta differenti għal kollox u jiġi fi żmien differenti. Il-Pespus huwa komuni ħafna matul ix-xitwa kollha. Jasal għal nofs Ottubru u jibqa' hawn sal-bidu ta' April. Iħobb postijiet miftuħa fejn jiekol insetti u xi żrieragħ zgħar.

ID-DIŻŻ AĦMAR ipassi bejn l-aħħar ta' Marzu u nofs Mejju u jerġa' jidher bejn nofs Ottubru u Novembru. Għalkemm huwa komuni ma narawhx f'numri kbar daqs id-Diżż. Fil-Ħarifa dan l-għasfur jixbaħ ħafna lill-Pespus u li mhux għall-għajta differenti li għandu diffiċli tisseparahom. Għandu għajta tixbaħ lil tad-Diżż iżda hija ħafna irqaq. Fir-Rebbiegħa d-Diżż Aħmar ikollu l-għonq u n-naħa ta' fuq ta' sidru lewn is-sadid ċar u jkollu dehra tassew sabiħa. □



Diżż Aħmar